VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,480, 1 ta' Awwissu, 2025
Taqsima B

A.L. 164 tal-2025

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2025 dwar Drittijiet li jitħallsu fir-rigward ta' Permessi għal Residenza u Liċenzji għal Impjieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar Drittijiet li jitħallsu fir-rigward ta' Permessi għal Residenza u Liċenzji għal Impjieg.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2025.

Ġbir ta' drittijiet.

2. Għandhom jitħallsu fir-rigward ta' kull partita d-drittijiet li ġejjin:

1. Applikazzjonijiet għal permess ta' residenza relatati mal-impjieg minn ċittadini ta' pajjiżi terzi:	
	Dritt pagabbli mal-applikazzjoni
(a) Applikazzjoni għal permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg validu għal perjodu ta' mhux aktar minn sena	€600
(b) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli	€150 għal kull sena ta' tiġdid
(ċ) Applikazzjoni għal permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg għall-professjonisti fil-kura medika kif stabbilit mill-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464) u carers	€150 għal kull sena
(d) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg għall-professjonist fil-kura medika kif stabbilit mill-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464) u carers	€50 għal kull sena ta' tiġdid

(e) Applikazzjoni għal permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg - bidla ta' min iħaddem	€600
(f) Applikazzjoni għal permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg - bidla fid-dežinjazzjoni	€300
(g) Applikazzjoni għal permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg - Inizjattiva Ewlenija għall-Impjiegi	€600
(h) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg – Inizjattiva Ewlenija għall-Impjiegi bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli	€150 għal kull sena ta' tiġdid
(i) Applikazzjoni għal permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg - Inizjattiva tal-Impjegati Speċjalizzati	€600
(j) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess uniku fir-rigward tar-residenza u l-impjieg - Inizjattiva tal-Impjegati Speċjalizzati bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli	€150 għal kull sena ta' tiġdid
(k) Applikazzjoni għal permess ta' residenza għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (Karta Blu tal-UE)	€600
(l) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess ta' residenza għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (Karta Blu tal-UE) bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli	€150 għal kull sena ta' tiġdid
(m) Applikazzjoni għal permess ta' residenza skont ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u r-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiż Terz, fil-Qafas ta' Trasferimenti Intra-azjendali (L.S. 217.21)	€300
(n) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess ta' residenza skont ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u r-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiż Terz, fil-Qafas ta' Trasferimenti Intra-azjendali (L.S. 217.21) bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli	€200 għal kull sena ta' tiġdid

(o) Applikazzjoni għal permess ta' residenza għal riċerkaturi fl-impjieg	€300
(p) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess ta' residenza għal riċerkaturi fl-impjieg bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli	€200 għal kull sena ta' tiġdid
(q) Applikazzjoni għal permess ta' residenza għal persuni li jaħdmu għal rashom f'Malta (Ħlas tad-dritt tal-liċenzja tal-Jobsplus mhux inkluż)	€100
(r) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess ta' residenza għal persuni li jaħdmu għal rashom f'Malta bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli (Ħlas tad-dritt tal-liċenzja tal-Jobsplus mhux inkluż)	€100 għal kull sena ta' tiġdid
(s) Applikazzjoni għal permess ta' residenza għall-iskop ta' impjieg għal inqas minn 6 xhur (Ħlas tad-dritt tal-liċenzja tal-Jobsplus mhux inkluż)	€50
(t) Applikazzjoni għal permess ta' residenza għal ħaddiema stazzjonati f'Malta	€100
(u) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess ta' residenza għal ħaddiema stazzjonati f'Malta bil-possibbiltà ta' tiġdid sa tliet (3) snin jekk l-applikant ikun eliġibbli	€100 għal kull sena ta' tiġdid
(v) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' dokument ta' residenza minflok dak oriġinali li jkun intilef, ġie misruq, inqered, jew li ġie mħassar	€50
(w) Applikazzjoni għal bidla fl-indirizz meta d-dokument ta' residenza jkun diġà ġie approvat	€50

2. Applikazzjonijiet oħra għal permess ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi:

	Dritt pagabbli mal-applikazzjoni
(a) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid abbażi tal-awtosuffiċjenza ekonomika	€100
(b) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għall-iskop ta' studju	€50
(ċ) Applikazzjoni għal soġġorn għall-iskop ta' tfittxija ta' impjieg jew intraprenditorija għar-riċerkaturi u l-istudenti	€50
(d) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għall-fini ta' taħriġ	€50

(e) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid skont ir-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji (L.S.217.06)	€50
(f) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid skont il-politika dwar membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jikkwalifikawx għal rijunifikazzjoni tal-familja permezz tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji (L.S. 217.06)	€50
(g) Applikazzjoni għal residenza fit-tul jew tiġdid tad-dokument ta' residenza – Dokument maħruġ għal 5 snin	€500
(h) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għal persuni eżentati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali	Mingħajr ħlas
(i) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għal sieħeb ta' ċittadin Malti	€50
(j) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għall-vittmi tat-traffikar jew tal-immigrazzjoni illegali li jikkooperaw mal-awtoritajiet Maltin	Mingħajr ħlas
(k) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għall-iskop ta' servizz volontarju	Mingħajr ħlas
(l) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid minn benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali	€50
(m) Applikazzjoni għal Awtorizzazzjoni ta' Residenza Speċifika jew tiġdid	€50
(n) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għal raġunijiet mediċi	€50
(o) Applikazzjoni għal permess ta' residenza jew tiġdid għal raġunijiet reliġjużi	€50
(p) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' dokument ta' residenza minflok dak oriġinali li jkun intilef, ġie misruq, inqered, jew li ġie mħassar	€50
(q) Applikazzjoni għal bidla fl-indirizz meta d-dokument ta' residenza jkun diġà ġie approvat	€50
(r) Applikazzjoni għal permess ta' residenza temporanju jew tiġdid	€50
(s) Applikazzjoni għal permessi ta' residenza oħra jew tiġdid	€50

3. Applikazzjonijiet għal dokument ta' residenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea:	
	Dritt pagabbli mal-applikazzjoni
(a) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' dokument ta' residenza minflok dak oriġinali li jkun intilef, insteraq jew inqered	€22
(b) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' dokument ta' residenza minflok dak oriġinali li ġie mħassar	€16.50
4. Applikazzjonijiet għal liċenzja tal-impjieg skont l-artikolu 11(3) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), fir-rigward ta':	
(a) Membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti fit-tul fl-ewwel sena ta' residenza tagħhom	Pagabbli mal-ħruġ: €60
(b) Persuni li qed ifittxu l-asil, rifuġjati rikonoxxuti, benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja u persuni mogħtija xi forom simili ta' protezzjoni	Pagabbli mal-ħruġ: €60
(ċ) Iċ-ċittadini l-oħra kollha ta' pajjiżi terzi	Pagabbli mal-applikazzjoni: €250
(d) Ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal liċenzja sekondarja ta' impjieg	Pagabbli mal-applikazzjoni: €150
(e) Ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom, residenti fit-tul li huma intitolati għal liċenzja ta' impjieg datata b'lura	Pagabbli mal-applikazzjoni: €60
5. Applikazzjonijiet għat-tiġdid annwali ta' liċenzja tal-impjieg skont l-artikolu 11(3) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), fir-rigward ta':	
(a) Persuni li qed ifittxu l-asil, rifuġjati rikonoxxuti, benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja u persuni mogħtija xi forom simili ta' protezzjoni	Pagabbli mal-ħruġ: €40
(b) Iċ-ċittadini l-oħra kollha ta' pajjiżi terzi	Pagabbli mal-applikazzjoni: €250
(ċ) Ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal liċenzja sekondarja ta' impjieg	Pagabbli mal-applikazzjoni: €150
(d) Ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom, residenti fit-tul li huma intitolati għal liċenzja ta' impjieg datata b'lura	Pagabbli mal-applikazzjoni: €60

3. Ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu dwar Permessi għal Residenza u Liċenzi għal Impieg huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

Tħassir u riżervi. L.S. 217.01.